**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 62

It-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Michael Fenech Adami | Preżenti |
| Viċi-President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Kunsillier Tas-Sliema | Paul Radmilli | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Skuzata |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku l-Gżira | Conrad Borg Manche | Skuzat |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Prezenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Prezenti |
| Sindku Tal-Pietà | Keith Tanti | Preżenti |
| Sindku l-Iklin | Anthony Dalli | Skużat |
| Vici Sindku Ħal Balzan | Andre` Grech | Prezenti |

**UFFIĊJALI**

Deputat Segretarju: Simon Cauchi

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 61 li saret nhar it-Tlieta, 1 ta' Settembru 2015, ittieħdu bħala moqrija.

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-President, is-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mis-Sindku ta' Hal-Lija, is-Sinj. Magda Magri Naudi.

## 2. MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

***e-mail lid-DLG dwar tqassim ta' fondi mir-Regjun***

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk hemmx xi ħadd mill-membri preżenti li xtaq xi kjarifika fuq il-minuti tal-laqgħa preċedenti.

Is-Sindku ta' Tal-Pieta`, is-Sur Keith Tanti irrimarka li hadd ma kien ta l-awtorizazzjoni lill-President tar-Regjun biex jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-tqassim ta' fondi mir-Regjun lill-Kunsilli Lokali li jaghmlu parti mill-istess Regjun.

Il-President wiegeb li ma kienx hemm il-htiega ta' awtorizazzjoni minn xi hadd sabiex jiehu parir li dan ir-Regjun miexi b'mod korrett.

Is-Sur Tanti qal li din l-awtorizazzjoni diga inghatat fil-bidu qabel ir-Regjun beda jqassam dawn il-fondi.

Il-President qal li fl-AKL infurmawh li ahjar jiehu parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u hu hekk kien ghamel.  Sostna li ma kenitx l-intenzjoni tieghu li jurta lil xi hadd.

Is-Sur Tanti qal li hu hassu urtat minhabba li diga kien hemm decizjoni f'dan l-istess Kumitat u wara li ittiehed il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Kunsillier ta' Tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli qal li la kienet ittiehdet decizjoni mir-Regjun, il-President ghandu jinforma lil kulhadd jekk ikun se jaghmel xi haga dwar tali decizjoni.

***18:05pm is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana wasal ghal din il-laqgha.***

***Laqgha ma' LESA dwar informazzjoni kif se tahdem is-sistema ta' infurzar***

Il-President informa li t-talba tar-Regjun biex issir laqgha ma' LESA giet rifjutata.

Il-President qal ukoll li fir-riforma li ser issir, hemm fost l-ohrajn li r-Regjuni se jkunu qed jiehdu f'idejhom il-Kuntratti tal-gbir ta' l-iskart.

Huwa rrefera ghal ittra mibghutha lir-Regjuni b'informazzjoni dwar kif se tahdem is-sistema. Minn din l-informazzjoni, il-President qal li l-problema hija minfejn se jgib flus ir-Regjun fix-xhur ta' bejn Ottubru u Dicembru '15.  Ghalhekk issugerixxa li r-Regjun jaghmel dak possibli sabiex jirkupra l-multi li ghadhom mhux imhallsa.  Issugerixxa wkoll li permezz tal-kuntratt tal-prosekutur tar-Regjun jintbghatu ittri bl-avukat lil min ghandu multi pendenti.  Ghalhekk tingieb id-data minn Loqus u jibdew jintbghatu lil dawk li ghandhom inqas minn €100 multi pendenti. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana staqsa jekk hux qed jifhem sew li mhux se jibqa' jkun hemm fondi li se jinqasmu lill-Kunsilli ta' dan ir-Regjun. Jekk hu il-kaz, se jipproponi li jnaqqas il-cameras mil-lokalita` tieghu ghax il-problemi ghandu u ghand il-Kunsill tieghu jaslu.

Is-Sindku ta' H'Attard, is-Sur Stefan Cordina qal li s-Sindki u l-Kunsilli Lokali qeghdin hemm biex jaqilghu it-tghajjir biss u kulhadd dejjem ra kif ma jhallilhomx flus biex jahdmu. Huwa qal li l-Kunsill ta' H'Attard spicca m'ghandux minfejn jopera.

Il-Kunsillier ta' Tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli qal li kien hemm drabi fejn kien hemm toroq maghluqa minghajr gwardjan. Huwa staqsa kif se jsir kuntatt ma' l-Agenzija meta jkun hemm dawn in-nuqqasijiet.

### 3. Quarterly Financial Report

Tressaq quddiem il-Kumitat tar-Regjun il-Quarterly Financial Report ghall-perjodu Lulju – Settembru 2015. Dan gie spjegat mill-accountant tar-Regjun u wara diskussjoni li saret gie approvat unanimament.

Ghandu jigi ccarat il-figura ta' €86,968 f'Bank charges minn xiex hi maghmula.

***18:25pm is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit wasal ghal din il-laqgha.***

Fuq proposta tas-Sur Stephen Sultana u sekondata mis-Sinjura Rita Borg kien hemm qbil unanimu li mis-*surplus* li fadal, jitqassmu €200,000 bejn il-Kunsilli Lokali ta' dan ir-Regjun skond il-kriterji diga stabbiliti minn dan l-istess Regjun.

### 4. KORRISPONDENZA

4.1 Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kumitat, memo 26/2015 dwar "Delega tal-Infurzar Lokali mill-Agenzija LESA". Din intbghatet ukoll lill-Kunsilli Lokali kollha.

4.2 Ir-Regjun iricieva wkoll korrispondenza minghand sid il-proprjeta tat-Tribunal Lokali dwar il-kera tal-post li tiskadi fl-ahhar ta' Novembru, 2015. Il-Kumitat unanimament qabel li jgedded il-kera sa l-ahhar ta' Dicembru 2016.

### 5. MISTOQSIJIET

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

### 6. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li ghal konferenza Europe for Citizens Programme Launch Conference kien attenda s-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli minhabba li hu kien l-ewwel wiehed li wera interess li jippartecipa.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, ressqet mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 62. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

### *8.1* Xiri ta' printer ghall-ufficcju

Kien hemm qbil unanimu li jixtara printer Canon Pixma MG6450 bi prezz ta' €135.

## 9. TMIEM

Fis-7.00pm ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 11 ta' Novembru, 2015, fil-5.30pm.

Kien hemm qbil li tibda tintbghat Google invite ghas-Seduti tar-Regjun.

Simon Cauchi
Deputat Segretarju

**Konfermati:**

Michael Fenech Adami
President